


1 - JU88
2 - Martin Maryland
3 - SS Polynesian
4 - B24 Liberator
5 - Fairey Swordfish
6 - ORP Kujawiak L72
7 - Spitfire
8 - HMS Urge
9 - HMS Trusty-Star
10 - JU88 South
11 - Douglas A-1 Skyraider
12 - HMS Russell
13 - HMS Olympus
14 - Schnellboot
15 - HMS Southwold
16 - HMS Nasturtium
17 - SS Luciston
18 - Xlendi Underwater Archaeological Park

**Il-baħar hu mimli għeġubijiet – mhux biss il-ħlejjaq li jgħixu fih iżda wkoll il-fdalijiet ta' bastimenti u ajruplani mgħarrqa mferrxin f'qiegħ il-baħar fejn l-ilma hu fond ħafna. Il-Gżejjer Maltin huma mogħnija b'bosta siti storiċi taħt il-baħar. Dawn qed jiġu studjati biex nifhmu aħjar kif qed jiġu affettwati minn bidliet ambjentali.**

The sea is full of wonders – not just marine life but also the remains of wrecks lying on the seabed in very deep waters. The Maltese Islands are enriched with several underwater cultural heritage sites, which are being studied to enable a better understanding of how they are affected by environmental changes.

Iceland Liechtenstein Norway grants

Norway grants

FONDI.eu

# MADE FROM 100% RECYCLED PAPER

# CLEAN OCEANS

Supported by the peoples of Iceland, Liechtenstein and Norway through the EEA and Norway Grants

Heritage Malta





**Nistednuk iżżur it-taqsima dwar oċeani nodfa fil-wirja An Island at the Crossroads, fejn se ssir taf aktar dwar fatturi li huma ta' theddida għall-wirt kulturali ta' taħt il-baħar, fosthom l-irkaptu abbandunat li jagħmel ħsara kemm lill-fdalijiet storiċi kif ukoll lill-ħlejjaq tal-baħar.**

We invite you to visit the section about clean oceans in the exhibition An Islands at the Crossroads, where you will find out more about current threats to our underwater cultural heritage, such as ghost gear which entangles and damages historic remains and marine life.

## Il-ħlejjaq tal-baħar huma mhedda!

**Forsi smajt li d-dinja qed issir dejjem aktar sħuna, u li aħna l-bnedmin stess ikkaġunajna din il-bidla fit-temperatura. Il-baħar diġà assorba mad-90% tas-sħana żejda kkaġunata mill-bniedem. Dan jispjega għala spiss nisimgħu li l-baħar sar iżjed sħun, u li l-livelli tas-salinità, tal-aċidità u tal-ossiġnu tiegħu nbidlu. Dan hu allarmanti! Il-ħlejjaq tal-baħar jinsabu fil-periklu!**

## Marine life is under threat!

You may have heard of global warming, and that we, as human beings, are to blame for causing it. The sea has absorbed about 90% of the extra heat created by mankind. This is why we often hear that the sea has become warmer and that its levels of salinity, acidity, and oxygen have changed. These are alarm bells! Marine creatures are at risk!





## Qiegħ il-baħar hu mużew li forsi jkollu jagħlaq!

**Qatt ħsibt f'qiegħ il-baħar bħala mużew? Hekk hu fil-fatt – l-akbar mużew tad-dinja, iżda wkoll l-aktar wieħed li jinsab f'periklu u li diffiċli żżuru! Il-bastimenti u l-ajruplani li għerqu tul is-sekli huma wkoll parti mill-wirt kulturali tagħna, iżda t-tibdil fil-klima u t-tniġġis tal-baħar jagħmlulhom ħafna ħsara.**

## Our seabed is an endangered museum!

Have you ever thought of the seabed as a museum? It is, in fact, the world's largest museum, and the most endangered and inaccessible one at that! The historic wrecks lying on the seabed are part of our cultural heritage, but they are badly affected by climate change and marine pollution.







## It-triq 'il quddiem

**Irridu nieħdu azzjoni! Irridu nsibu soluzzjonijiet bla telf ta' żmien! Fl-isforzi tagħna biex insolvu dawn il-problemi, ma nistgħux inqisu kull sit storiku f'qiegħ il-baħar waħdu jew kull speċi ta' ħlejqa marittima waħedha, iżda bħala parti minn ekosistema sħiħa fejn il-wirt naturali u dak kulturali jeżistu flimkien f'armonija.**

## A way forward

We have to take action! Solutions must be found without further delay! In our ongoing efforts to solve these problems, we cannot consider each wreck or each marine species on its own, but as part of a whole ecosystem where natural and cultural heritage co-exist in harmony.